

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 61



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

28 ta' Frar 2022

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/339 tat-28 ta' Frar 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Ukreni** 1

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/339

tat-28 ta' Frar 2022

dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Ukreni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 ⁽¹⁾, ġiet stabbilita l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri tal-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) biex tinżamm il-paċi, jiġu pprevenuti l-konflitti u tissaħħa is-sigurtà internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2), punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2), punt (b)(i), tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF tista' tiffinanzja azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali relatati ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.
- (2) L-approfondiment tad-djalogu u l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża huwa wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ⁽²⁾. Il-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) u l-allinjament mal-PESK bejn l-Unjoni u l-Ukrajna kienu wieħed mill-eżiti tas-summit tal-2020 bejn l-UE u l-Ukrajna tal-2020, li kompli jissaħħa fis-summit UE-Ukrajna tal-2021.
- (3) Il-forzi Armati Ukreni huma involuti f'kunflitt ta' seba' snin b'vittmi u mwiet militari u ċivili li għadhom għaddejnin. Il-kunflitt eskala b'mod drammatiku fi Frar 2022 minħabba invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa.
- (4) Minħabba s-sitwazzjoni li qed tiddeterjora mill-bidu tal-2022, l-Istati Membri kienu qed jipprovdu assistenza lill-Forzi Armati Ukreni. Tali assistenza jenħtieġ li tkun eliġibbli għal finanzjament taħt l-EPF.
- (5) Fil-25 ta' Frar 2022, il-Gvern tal-Ukrajna għamel talba urġenti lill-Unjoni għal assistenza fil-forniment ta' tagħmir militari.
- (6) Miżuri ta' Assistenza għandhom jiġu implimentati b'kont meħud tal-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u b'mod partikolari l-konformità mal-pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK ⁽³⁾, u f'konformità mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjati taħt il-EPF.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).

⁽²⁾ ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

⁽³⁾ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

- (7) Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jonora d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi, u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Stabiliment, objettivi, kamp ta' applikazzjoni u durata

1. B'dan hija stabbilita miżura ta' assistenza li tibbenefika lill-Ukrajna (il-"benefiċjarju"), li għandha tiġi ffinanzjata fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) (il-"Miżura ta' Assistenza").
2. L-objettiv tal-Miżura ta' Assistenza huwa li tikkontribwixxi għat-tiżni tal-kapaċitajiet u r-reżiljenza tal-Forzi Armati Ukreni biex jiddefendu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u jipproteġu l-popolazzjoni ċivili kontra l-aggressjoni militari li għaddejja bħalissa.
3. Sabiex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fil-paragrafu 2, il-Miżura ta' Assistenza għandha tiffinanzja l-forniment ta' tagħmir u provvisti mhux imfassla biex iwasslu forza letali, bħal tagħmir ta' protezzjoni personali, kaxxi għall-ewwel għajnuna u fjuwil lill-Forzi Armati Ukreni.
4. Id-durata tal-Miżura ta' Assistenza għandha tkun ta' 24 xahar mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Arranġamenti finanzjarji

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-Miżura ta' Assistenza għandu jkun ta' EUR 50 000 000.
2. In-nefqa kollha għandha tiġi ġestita f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 u mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjata taħt l-EPF.
3. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, sa EUR 50 000 000. Il-fondi li għalihom għamel sejħa l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandhom jintużaw biss biex titħallas in-nefqa fil-limiti approvati mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-baġit emendatorju tal-2022 li tikkorrispondi għall-Miżura ta' Assistenza.
4. In-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2022 u sa data li għandha tiġi ddeterminata mill-Kunsill.

Artikolu 3

Arranġamenti mal-benefiċjarju

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-benefiċjarju biex jiżgura l-konformità tiegħu mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, u l-Artikolu 62(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, bħala kondizzjoni għall-għoti ta' appoġġ taħt il-Miżura ta' Assistenza.
2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-appoġġ taħt il-Miżura ta' Assistenza f'każ li l-benefiċjarju jinstab li jkun kiser l-obbligi msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4***Implimentazzjoni**

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli li jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa taħt l-EPF, b'mod konsistenti mal-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza taħt l-EPF.
2. Il-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jiddefinixxi aktar it-tip u l-kwantità ta' appoġġ li għandhom jiġu ffinanzjati taħt l-Miżura ta' Assistenza, filwaqt li jqis il-prijoritajiet rrakkomandati mill-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-Forzi Armati Ukreni.
3. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza, abbażi tal-informazzjoni riċevuta mill-attur(i) responsabbli għall-implimentazzjoni, għandu jirrapporta lill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 dwar il-kunsinna ta' tagħmir, inkluż il-kwantitajiet, it-tipi u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, għal aktar segwitu u monitoraġġ.
4. L-implimentazzjoni tal-attività msemmija fl-Artikolu 1(3) tista' titwettaq minn:
 - (a) il-Ministeru għad-Difiża tal-Awstrija;
 - (b) il-Ministeru għad-Difiża tal-Belġju;
 - (c) il-Ministeru għad-Difiża tal-Bulgarija;
 - (d) il-Ministeru għad-Difiża tal-Kroazja;
 - (e) il-Ministeru għad-Difiża ta' Ċipru;
 - (f) il-Ministeru għad-Difiża taċ-Ċekja;
 - (g) il-Ministeru għad-Difiża tad-Danimarka;
 - (h) iċ-Ċentru Estonjan għall-Investimenti fid-Difiża (ECDI) f'isem il-Ministeru tad-Difiża tal-Estonja;
 - (i) il-Ministeru għad-Difiża tal-Finlandja;
 - (j) il-Ministeru għad-Difiża ta' Franza;
 - (k) il-Ministeru għad-Difiża tal-Ġermanja;
 - (l) il-Ministeru għad-Difiża tal-Greċja;
 - (m) il-Ministeru għad-Difiża tal-Ungerija;
 - (n) id-Dipartiment għad-Difiża tal-Irlanda;
 - (o) il-Ministeru għad-Difiża tal-Italja;
 - (p) iċ-Ċentru għal-Loġistika u l-Akkwist fil-qasam tad-Difiża tal-Istat tal-Latvja;
 - (q) il-Ministeru għad-Difiża tal-Litwanja;
 - (r) id-Direttorat tad-Difiża tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Lussemburgu;
 - (s) il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi ta' Malta;
 - (t) il-Ministru għad-Difiża tan-Netherlands;
 - (u) il-Ministeru għad-Difiża tal-Polonja;
 - (v) il-Ministeru għad-Difiża tal-Portugall;
 - (w) il-Ministeru għad-Difiża Nazzjonali tar-Rumanija;
 - (x) il-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika Slovakkja;
 - (y) il-Ministeru għad-Difiża tas-Slovenja;
 - (z) il-Ministeru għad-Difiża ta' Spanja;
 - (aa) il-Ministeru għad-Difiża tal-Iżvezja / il-Forzi Armati Żvediżi.

*Artikolu 5***Appoġġ mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jipprovdu appoġġ finanzjarju u loġistiku lill-Ukrajna, inkluż il-forniment ta' tagħmir protettiv.
2. L-Istati Membri għandhom jippermettu t-tranżitu ta' tagħmir militari inkluż persunal ta' akkumpanjament, mit-territorji tagħhom, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.

*Artikolu 6***Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni**

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jiżgura l-monitoraġġ tar-rispett tal-obbligi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 mill-benefiċjarju. Tali monitoraġġ għandu jipprovdi għarfien tal-kuntest u tar-riskji tal-ksur tal-obbligi stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3, inkluż ksur tad-dritt internazzjonali tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali mill-unitajiet tal-Forzi Armati Ukreni appoġġati taħt il-Miżura ta' Assistenza.
2. Il-kontroll ta' wara t-trasportazzjoni tal-provvisti għandu jiġi organizzat b'mod konsistenti mal-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza fil-qafas tal-EPF.

*Artikolu 7***Rapportar**

Matul il-perijodu ta' implimentazzjoni, ir-Rappreżentant Għoli għandu jipprovdi lill-KPS rapporti ta' kull sitt xhur dwar l-implimentazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza, f'konformità mal-Artikolu 63 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

*Artikolu 8***Sospensjoni u terminazzjoni**

Il-KPS jista' jiddeċiedi li jissospendi kompletament jew parzjalment l-implimentazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza f'konformità mal-Artikolu 64 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

Il-KPS jista' wkoll jirrakkomanda li l-Kunsill itemm il-Miżura ta' Assistenza.

*Artikolu 9***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)